ANNESS I

KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

Medicinal product no longer authorised

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Dicural 100mg/ml soluzzjoni orali għal flieles u d-dundjani

## 2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull ml fih:

**Sustanza Attiva :**

| | |
|---|---|
| Difloxacin (bħala hydrochloride) | 100 mg |

**Sustanzi mhux attivi**

| | |
|---|---|
| Benzyl alcohol | 100 mg |

Għal-lista sħiħa ta' l-ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Soluzzjoni orali safranija, ċara.

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Flieles (tas-simna jew dawk miżmuma għar-razza)
Dundjani (dundjani żgħar sa 2 kg piż korporali)

### 4. Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott

Fi flieles u dundjani: Dicural soluzzjoni orali huwa indikat għal trattament ta' infezzjonijiet kroniċi respiratorji kkawżati minn razez sensittivi ta' *Eschericia coli* u *Mycoplasma gallisepticum*.

Fid-dundjani: Dicural soluzzjoni orali huwa indikat ukoll għal trattament ta' infezzjonijiet ikkawżati minn *Pasteurella multocida*.

### 4.3 Kontra indikazzjonijiet

Billi ma sarux studji fi tjur li kienu jzappu klinikament, Dicural m'għandux jintuża fi tjur li għandhom saqajhom dgħajfa jew fi tjur li jbatu minn osteoporożi.

### 4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott

Xejn.

### 4.5 Prekawzjonijiet Speċjali għall-Użu

**Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali**
Meta wieħed joqgħod fuq klassi waħda ta' antibijotiċi, jista' joħloq reżistenza f'xi popolazzjoni ta' bakterja. Huwa prudenti li żżomm il-fluoroquinolones biss għal sitwazzjonijiet fejn antibijotiċi oħra ma ħadmux jew mhux mistenni li jkunu effettivi daqs kemm mixtieq.

Medicinal product no longer authorised

Il-politika lokali u uffiċjali kontra l-mikrobi għandha titieħed f'konsiderazzjoni meta l-prodott jiġi wżat.

Meta possibli, fluoroquinolones għandhom jintużaw biss wara testijiet ta' suxxettibilità.

L-użu tal-prodott b'mod differenti mill-istruzzjonijiet mogħtija fl-SPC jista' jżid il-prevalenza ta' batterja reżistenti għall-fluoroquinolones u jista' jnaqqas l-effettività ta' kura b'quinolones oħra minħabba l-potenzjal ta' *cross resistance*.

**Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali**

Nies li għandhom sensittività eċċessiva magħrufa għal quinolones għandhom jevitaw li jmissu mal-prodott.

Sabiex tevita irritazzjoni lil ġilda u/jew lil għajnejk, uża ingwanti u maskra sabiex tipproteġi wiċċek meta tuża dan il-prodott.

**4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)**

Xejn li hu magħruf

**4.7 Użu fit-Tqala, fi żmien il-ħalib u meta jbidu l-bajd**

Tużax fi tjur fi żmien il-bajd, u/jew fi żmien 4 ġimgħat sa meta jibdew ibidu.

**4.8 Effetti fuq prodotti mediċinali oħra jew effetti oħra**

Xejn li hu magħruf

**4.9 Doża rakkomandata u l-metodu ta' amministrazzjoni**

Dicural soluzzjoni orali ghandu jiġi amministrat kuljum ma l-ilma tax-xorb, f'konċentrazzjoni tali li d-doża tkun ta' 10mg / kg piż. Il-medikazzjoni għandha titkompla għal ħamest ijiem.

Meta tieħu kont tal-ammont ta' Difloxacin fis-soluzzjoni orali (10% w/v), wieħed għandu jagħmel il-kalkulazzjoni li ġejja sabiex jiddetermina il-volum (ml) li għandu jżid ma kull elf litru ta' ilma:

$$\frac{\text{Numru ta' annimali fil-maħżen} \times \text{piż medju ta' kull annimal individwali (kg)} \times 100}{\text{Konsum totali ta' ilma fil-maħżen il-ġurnata ta' qabel (litri)}}$$

L-ilma tax-xorb immedikat għandu jkun ippreparat frisk kuljum.

Waqt li qed tagħti l-ilma mmedikat, m'għandu jkun hemm l-ebda sors ieħor ta' ilma.

F'konċentrazzjonijiet fl-ilma ta' 0.03% ( = 300ml f'1000 litru) jew aktar, it-togħma tista' taffetwa lid-dundjani.

**4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti) jekk ikun hemm bżonn**

Studji dwar il-ħarsien tas-saħħa fil-flieles u d-dundjani, urew li meta ġie amministrat fl-ilma tax-xorb f'doża ta' 30mg /kg (flieles) jew 22mg/kg (dundjani) għal tliet darbiet iż-żmien rakkomandat (għal 15 il-ġurnata wara xulxin), Difloxacin hydrochloride deher li ma kienx ta' ħsara għat-tjur.

Medicinal product no longer authorised

### 4.11 Perjodu ta' Tiżmin

Laħam u Interjur (flieles u dundjani) : 24 siegħa

Mhux permess li jintuża fi tjur tal-bajd li qed jipproduċu bajd għall-konsum tal-bniedem.

## 5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI

### 5.1 Kwalitajiet farmakodinamiċi

Grupp Farmako-terapewtiku: sustanza anti-infettiva ġenerali għal użu sistemiku, sustanza antibatterika għal użu sistemiku, antibatteriku tal-klassi *Quinolone*

Kodiċi ATĊ veterinarja: QJ01MA94

Il-fluoroquinolones għandhom effett antibatteriku kemm kontra mikro-organizmi li jirreplikaw kif ukoll dawk li ma jirreplikawx. Il-hydrochloride ta' Difloxacin joqtol il-mikrobi billi jinibixxi l-attivita ta' *DNA gyrase* tal-bakterja.

Ġie muri li razez ta' *Eschericia coli, Pasteurella multocida, Mycoplasma gallisepticum*, iżolati minn flieles tas-simna jew dundjani kienu kollha sensittivi għal Difloxacin.

### 5.2 Tagħrif Farmakokinetiku

Difloxacin huwa assorbit malajr wara li jittieħed mill-ħalq u jilħaq stadju stabbli fil-plażma ftit siegħat wara l-bidu tal-medikazzjoni. Difloxacin jitqassam sew fil-ġisem kollu kif kien muri bil-proporzjon li jinstab fit-tessuti u fil-plażma. Konċentrazzjonijiet ta' Difloxacin daqs jew akbar mill-MIC għal patoġeni relevanti, intlaħqu fit-tessuti relevanti kollha u baqgħu għolja matul iż-żmien ta' medikazzjoni.

<u>Flieles</u>**:**
Fit-tiġieġ, Difloxacin huwa assorbit kważi kollu wara li jiġi amministrat mill-ħalq (bejn wieħed u ieħor 96%). Jitqassam tajjeb fil-ġisem ($V_d$ = 4.7 ltr/kg) u għandu *terminal half-life* fil-plażma ta' madwar 7 siegħat. Wara li Dicural soluzzjoni orali tingħata kontinwament mill-ħalq bir-rata ta' 10mg /kg/ġurnata għal ħamest ijiem wara xulxin, il-medja tal-livell stabbli ta' Difloxacin bħala konċentrazzjonijiet fil-plażma kienu ta' madwar 200ng/ml. Il-proporzjon ta' tessut għal plażma kien ivarja minn 0.6 (xaħam taż-żaqq), 2.4 (pulmun), 4.5 (muskoli) għal 14.1 (fwied).

<u>Dundjani</u>**:**
Fid-dundjani, il-biodisponibiltà ta' Difloxacin meta jingħata mill-ħalq hi moderata (madwar 58%). Difloxacin jitqassam tajjeb ħafna fil-ġisem ($V_d$ = 9.9 l/kg) u għandu *elimination half-life* fil-plażma ta' madwar 7 siegħat. Wara li Dicural soluzzjoni orali tingħata kontinwament mill-ħalq bir-rata ta' 10mg /kg/ġurnata għal ħamest ijiem wara xulxin, il-medja tal-livell stabbli ta' Difloxacin bħala konċentrazzjonijiet fil-plażma kienu ta' madwar 60 ng/ml. Il-proporzjon ta' tessut għal plażma kien ivarja minn 2.5 (xaħam taż-żaqq), 3.7 (muskoli), 4.8 (pulmun) għal 36.5 (fwied).

Fiż-żewġ speċi, Difloxacin jista' jkun ikkonjugat (glukuronat jew sulfatizzat), desmetilizzat f'sarafloxaċin jew ossidat f' N-ossidu ta' Difloxacin. Il-metaboliti ewlenin huma konjugati idrolisabbli ta'Difloxacin, il-metaboliti l-oħra huma proporzjonalment ftit.

Medicinal product no longer authorised

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 6.1 Lista ta' ingredjenti

Edetic acid
Potassium hydroxide
Propylene glycol
Benzyl alcohol
Ilma ppurifikat

### 6.2 Inkompatibilitajiet

M'għandhux jiżdied klorin, per eżempju mill-użu ta' apparat ta' klorinazzjoni, jew hydrogen peroxide, mal-ilma tax-xorb użat ma' dan il-prodott.

### 6.3 Żmien ta' kemm il-prodott idum tajjeb

Żmien li l-prodott mediċinali veterinarju jibqa' tajjeb kif ippakkjat għall-bejgħ: 3 snin
Ilma mmedikat għandu jiġi ppreparat frisk kuljum.
Perjodu ta' ħażna wara li jinfetaħ il-kontenitur: xahar

### 6.4. Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Taħżinx f'temperaturi ogħla minn 25°Ċ. Tiffriżax. Ipproteġi mid-dawl..

### 6.5 In-natura u l-għamla ta' l-ewwel ippakkjar

Fliexken tal-HDPE bojod, b'tapp bil-kamin li fihom 250ml jew litru ta' Dicural soluzzjoni orali.
It-tapp bil-kamin fil-flixkun tal-litru jista' jintuża biex tkejjel bih. Jekk timlieh sax-xfar, tkun imlejt 50ml. Għal flixkun tal-250ml, hemm kejl separat fuq it-tapp tal-kamin. Is-sinjali tal-kejl juru il-volum li tkun imlejt.

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakketti jistgħu jitpoġġew fis-suq

### 6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użata jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

## 7. L-ENTITÀ LI GĦANDHA L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

Pfizer Limited
Ramsgate Road
Sandwich
Kent CT13 9NJ
United Kingdom

## 8. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

EU/2/97/003/001-003

Medicinal product no longer authorised

## 9. DATA TA' L-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

15.01.2008

## 10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA DIN IL-KITBA

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediku veterinarju tinstab fuq il-websajt ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini http://www.ema.europa.eu/.

## PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVVISTA U / JEW UŻU

Mhux Applikabbli.

Medicinal product no longer authorised

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Dicural 15 mg pilloli miksija għal klieb
Dicural 50 mg pilloli miksija għal klieb
Dicural 100 mg pilloli miksija għal klieb
Dicural 150 mg pilloli miksija għal klieb

## 2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

**Sustanzi Attiv/i :**

Kull pillola fiha:

| | | |
|---|---|---|
| Dicural 15 mg | difloxacin (bħala hydrochloride) | 15mg |
| Dicural 50 mg | difloxacin (bħala hydrochloride) | 50mg |
| Dicural 100 mg | difloxacin (bħala hydrochloride) | 100mg |
| Dicural 150 mg | difloxacin (bħala hydrochloride) | 150mg |

Għal-lista sħiħa ta' l-ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Pilloli miksija, kannella fl-isfar, ibbuzzati fuq iż-żewġ naħat.

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Klieb

### 4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott

Għall-kura ta':
- Infezzjonijiet akuti u bla kumplikazzjonijiet fis-sistema tal-urina, ikkawżati minn speċi suxxettibbli ta' *Eschericia coli* jew *Staphylococcus spp.*
- Infezzjoni superfiċjali (pijoderma) ikkawżata minn *Staphylococcus intermedius*

### 4.3 Kontra indikazzjonijiet

Bħal fil-każ ta' quinolones oħra, minħabba l-possibilita ta' effetti mhux mixtieqa fuq il-qarquċa artikulari ta' ġogi li jerfgħu il-piż, Difloxacin m'għandux jintuża waqt il-fażi ta' tkabbir mgħaġġel. Fi kliem ieħor tużax fi klieb ta' razza żgħira jew meżżana li għandhom jew se jagħlqu t-tmien xhur, razez kbar sa sena u f'razez ta' klieb ġganti sa 18 il-xahar.

Tużax fi klieb li jtihom aċċessjonijiet

### 4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott

M'hemm xejn magħruf

Medicinal product no longer authorised

## 4.5 Prekawzjonijiet Speċjali għall-Użu

**Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali**

Meta wieħed joqgħod fuq klassi waħda ta' antibijotiċi, jista' joħloq reżistenza f'xi popolazzjoni ta' bakterja. Huwa prudenti li żżomm il-fluoroquinolones biss għal sitwazzjonijiet fejn antibijotiċi oħra ma ħadmux jew mhux mistenni li jkunu effettivi daqs kemm mixtieq.

Il-politika lokali u uffiċjali kontra l-mikrobi għandha titieħed f'konsiderazzjoni meta l-prodott jiġi wżat.

Meta possibli, fluoroquinolones għandhom jintużaw biss wara testijiet ta' suxxettibilità.

L-użu tal-prodott b'mod differenti mill-istruzzjonijiet mogħtija fl-SPC jista' jżid il-prevalenza ta' batterja reżistenti għall-fluoroquinolones u jista' jnaqqas l-effettività ta' kura b'quinolones oħra minħabba l-potenzjal ta' *cross resistance*.
Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali

Nies għandhom sensittività eċċessiva magħrufa għal quinolones għandhom jevitaw li jmissu mal-prodott.

## 4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)

Effetti mhux mixtieqa kienu rari fil-klieb ikkurati b'Difloxacin. Ir-reazzjonijiet osservati kienu nuqqas ta' aptit, rimettar, dijarea, u irritazzjoni fil-warrani. Dawn l-effetti mhux mixtieqa kienu temporanji u damu minn ġurnata sa tnejn mingħajr il-ħtieġa ta' aktar kura.

## 4.7 Użu fit-Tqala, fi żmien il-ħalib u meta jbidu l-bajd

Is-sigurtà riproduttiva tal-prodott mediċinali veterinarju ġie evalwat biss f'annimali fil-laboratorju, għalhekk l-użu ta' Difloxacin fi klieb tqal jew ireddgħu, jew klieb irġiel miżmuma għar-razza mhux rakkomandat

## 4.8 Effetti fuq prodotti mediċinali oħra jew effetti oħra

L-użu ta' fluoroquinolones flimkien ma' mediċini ant-infjammatorji li mhumiex sterojdi (NSAIDS) jista' jikkawża aċċessjonijiet

Sustanzi antiaċidi jistgħu jinterferixxu milli s-sustanza tiġi assorbita mill-istonku.

Nitrofurantoin jista' jnaqqas l-effikaċja ta' quinolones jekk jintużaw flimkien waqt infezzjonijiet tal-passaġġ tal-urina

## 4.9 Doża rakkomandata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Id-doża rakkomandata ta' difloxacin hija ta' 5mg/kg piż tal-ġisem kuljum. Dicural, pilloli miksija, għandu jingħata darba kuljum għal mill-anqas ħamest ijiem. Pijoderma superfiċjali jista jkollha bżonn trattament sa massimu ta' 21 ġurnata. Il-pilloli għandhom jiġu amministrati tal-anqas għal jumejn wara li jmorru s-sintomi. It-trattament għandu jerġa jiġi kkunsidrat jekk l-ebda progress ma jsir fi żmien 5 t'ijiem jew 10 t'ijiem fil-każ ta' pijoderma superficjali.

Medicinal product no longer authorised

**4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti) jekk ikun hemm bżonn**

Klieb li huma kkurati b' Difloxacin (bħala hydrochloride) mill-ħalq, għal 10 darbiet id-doża rakkomandata għal 10 t'ijiem, okkażjonalment urew reazzjonijiet ħfief ta' tibdil fil-kulur tal-ħmieġ, rimettar u tbeżlieq żejjed.

Tibdil ħistopatoloġiku kien innutat fil-qarquċa artikulari tal-ġogi li jġorru l-piż fi klieb tal-beagle żgħar (tliet xhur u nofs) wara amministrazzjoni orali ta' Difloxacin f'dożi aktar minn 5 mg / kg/ kuljum (bħala hydrochloride) għal disgħin jum.

M'hemm l-ebda antidot għal Difloxacin (jew quinolones oħra), għaldaqstant, f'każ ta' doża eċċessiva, għandu jingħata trattament simptomatiku.

**4.11 Perjodu ta' Tiżmin**

Mhux applikabbli

**5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI**

Grupp Farmako-terapewtiku: sustanza anti-infettiva ġenerali għal użu sistemiku, sustanza antibatterika għal użu sistemiku, antibatteriku tal-klassi *Quinolone*

Kodiċi ATĊ veterinarja: QJ01MA94
Difloxacin huwa aryl-fluroquinolone bi spettru wiesgħa ta' attività antibatterika. Difloxacin jista' joqtol ħafna mikro-organiżmi Gram-negative u għażla silettiva ta' organiżmi Gram-pożittivi

**5.1 Kwalitajiet Farmakodinamiċi**

Il-fluoroquinolones għandhom effett antibatteriku kemm kontra mikro-organizmi li jirreplikaw kif ukoll dawk li m'humiex attivi. Difloxacin joqtol il-mikrobi primarjament billi jinibixxi l-attivita ta' *DNA gyrase* tal-bakterja.

Dawn l-organiżmi kienu suxxettibbli għal Difloxacin *in vitro*:

*Eschericia coli*
*Klebsiella spp.*
*Pasteurella spp.*
*Pseudomonas spp.*
*Staphylococcus intermedius*

Dawn l-organiżmi nstabu li kellhom suxxettibilita intermedja:

*Proteus spp.*
*Staphylococcus spp.*
*Streptococcus canis (beta)*
*Streptococcus spp.*

**5.2 Tagħrif Farmakokinetiku**

Wara doża mill-ħalq, (pillola) ta' 5mg/kg piż fi klieb, Difloxacin laħaq il-medja tal-ogħla livelli fil-plażma ta' 1.8 mikrogrammi /ml f'madwar tlett siegħat. Bejn wieħed u ieħor 95% tad-doża li ngħatat mill-ħalq kienet assorbita. Il-medja tal-*half-life* tal-eliminazzjoni kienet 9.3 siegħat.

Trattament mill-ħalq fit-tul, għal aktar minn 180 ġurnata b'doża ta' 5mg /kg piż ma nfluwenzax il-movimenti ta' Difloxacin la bħala akkumulazzjoni u lanqas bħala żieda fir-rata ta' metaboliżmu.

Medicinal product no longer authorised

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 6.1 Lista ta' ingredjenti

Sodium starch glycollate

Microcrystalline cellulose
Magnesium stearate
Colloidal silicon dioxide
Sodium lauryl sulphate
Lactose
Sodium croscarmellose
Micronised brewer's yeast
Aromatic liver flavour

### 6.2 Inkompatibilitajiet

Mhux Applikabbli

### 6.3 Żmien ta' kemm il-prodott idum tajjeb

Żmien li l-prodott mediċinali veterinarju jibqa' tajjeb kif ippakkjat għall-bejgħ: Sentejn

### 6.4. Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Taħżinx f'temperaturi ogħla minn 25°Ċ. Aħżen f'post xott.

### 6.5 In-natura u l-għamla ta' l-ewwel ippakkjar

Strixxa magħmula mill-PVC/aluminjum li fiha 10 pilloli. Kaxxi tal-kartun li fihom 1, 2 jew 10 strixxi.
Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakketti jistgħu jitpoġġew fis-suq.

### 6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użata jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

## 7. L-ENTITÀ LI GĦANDHA L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

Pfizer Limited
Ramsgate Road
Sandwich
Kent CT13 9NJ
United Kingdom

## 8. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

EU/2/97/003/004-015

Medicinal product no longer authorised

## 9. DATA TA' L-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

15.01.2008

## 10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA DIN IL-KITBA

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediku veterinarju tinstab fuq il-websajt ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini http://www.ema.europa.eu/

**PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVVISTA U / JEW UŻU**

Mhux Applikabbli.

Medicinal product no longer authorised

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Dicural 50mg/ml soluzzjoni għal injezzjoni għal baqar u klieb.

## 2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

**Sustanzi Attiva:**
Difloxacin (bħala hydrochloride) 50 mg/ml

**Sustanza mhux attiva:**

Benzyl alcohol 50 mg/ml

Għal-lista sħiħa ta' l-ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Soluzzjoni għall-injezzjoni safranija, ċara.

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Baqar (għoġġiela u erieħ)
Klieb.

### 4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott

Fil-<u>baqar:</u> Dicural 50 mg/ml soluzzjoni għal injezzjoni hija indikata għal trattament tal-marda respiratorja bovina (deni ta' waqt it-tbaħħir, pnewmonja fl-għoġġiela) ikkawżata minn mikrobu wieħed jew ħafna tipi bħal *Pasteurella haemolitica, Pateurella multocida*, u / jew *Mycoplasma intermedius*.

Fil-<u>klieb:</u> Dicural 50 mg/ml soluzzjoni għal injezzjoni hija indikata għal trattament ta':
- Infezzjonijiet akuti u bla kumplikazzjonijiet fis-sistema tal-urina, ikkawżati minn speċi suxxettibbli ta' *Eschericia coli* jew *Staphylococcus spp.*
- Infezzjoni pijoderma superfiċjali kkawżata minn *Staphylococcus intermedius.*

### 4.2 Kontra indikazzjonijiet

<u>Baqar</u>:
Xejn

<u>Klieb</u>
Bħal fil-każ ta' quinolones oħra, minħabba l-possibilita ta' effetti mhux mixtieqa fuq il-qarquċa artikulari ta' ġogi li jerfgħu il-piż, Difloxacin m'għandux jintuża waqt il-fażi ta' tkabbir mgħaġġel. Għalhekk, tużax fi klieb ta' razza żgħira jew meżżana li għandhom jew sa tmien xhur, razez kbar sa sena u f'razez ta' klieb ġganti sa 18 il-xahar.

Tużax fi klieb li jtihom aċċessjonijiet

### 4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott

Xejn

Medicinal product no longer authorised

## 4.5 Prekawzjonijiet Speċjali għall-Użu

**Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali**
Meta wieħed joqgħod fuq klassi waħda ta' antibijotiċi, jista' joħloq reżistenza f'xi popolazzjoni ta' bakterja. Huwa prudenti li żżomm il-fluoroquinolones biss għal sitwazzjonijiet fejn antibijotiċi oħra ma ħadmux jew mhux mistenni li jkunu effettivi daqs kemm mixtieq.

Il-politika lokali u uffiċjali kontra l-mikrobi għandha titieħed f'konsiderazzjoni meta l-prodott jiġi wżat.

Meta possibli, fluoroquinolones għandhom jintużaw biss wara testijiet ta' suxxettibilità.

L-użu tal-prodott b'mod differenti mill-istruzzjonijiet mogħtija fl-SPC jista' jżid il-prevalenza ta' batterja reżistenti għall-fluoroquinolones u jista' jnaqqas l-effettività ta' kura b'quinolones oħra minħabba l-potenzjal ta' *cross resistance*.

**Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali**
Nies li għandhom sensittività eċċessiva magħrufa għal quinolones għandhom jevitaw li jmissu mal-prodott mediċinali veterinarju.

## 4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)

<u>Baqar</u>:
Fi studji fuq annimali li l-prodott hu indikat għalihom, amministrazzjoni taħt il-ġilda kien ġeneralment ittollerat tajjeb. Tista' tfiġġ nefħa temporanja fis-sit tal-injezzjoni

<u>Klieb</u>:
Fi studji fuq annimali li l-prodott hu indikat għalihom, amministrazzjoni taħt il-ġilda kien ġeneralment ittollerat tajjeb. Tnixxija u / jew nefħiet, u okkażjonalment reazzjonijiet ta' ftit uġigħ waqt l-injezzjoni kienu osservati. Ġeneralment it-tnixxija titlaq fi ftit minuti u n-nefħa lokali wara ftit ġranet.

## 4.7 Użu fit-Tqala, fi żmien il-ħalib u meta jbidu l-bajd

Il-ħarsien tas-saħħa tal-prodott mediċinali veterinarju ma ġiex stabbilit waqt it-tqala u fi żmien il-ħalib.

## 4.8 Effetti fuq prodotti mediċinali oħra jew effetti oħra

L-użu ta' fluoroquinolones jista' joħloq aċċessjonijiet jek jingħata ma *NSAIDS*.

Jista' jkun hemm antagoniżmu ma *nitrofurantoin*.

## 4.9 Doża rakkomandata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Użu għal taħt il-ġilda

<u>Baqar</u>:
Id-doża rakkomandata hija 2.5 mg Difloxacin/kg piż tal-ġisem kuljum għal tliet ijiem (ie. 5 ml/kg piż tal-ġisem) Jekk m'hemmx progress suffiċjenti wara tliet ijiem, it-trattament jista' jitkompla għal jumejn oħra.

Għal mard respiratorju kkumplikat id-doża tista' tiġi rdoppjata għal 5 mg/kg piż tal-ġisem kuljum.
Il-volum injettat f'kull lok ta' injezzjoni fil-baqar m'għandux ikun aktar minn 7 ml. Għandu jintuża lok għall-injezzjoni ġdid kuljum.

Medicinal product no longer authorised

Klieb:
Id-doża rakkomandata hija injezzjoni waħda ta' 5.0 mg Difloxacin /kg piż tal-ġisem. It-trattamnet għandu jitkompla b'Difloxacin pilloli miksija (ara l-SPC).
Il-volum injettat f'kull lok ta' injezzjoni fil-klieb m'għandux ikun aktar minn 5 ml.

### 4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti) jekk ikun hemm bżonn

Baqar:
F'dożi għolja ħafna, effetti mhux mixtieqa fuq is-sistema nervuża ( sturdament, tbandil, tregħid, taqlib, etc.) jistgħu jiġru fil-baqar. Doża eċċessiva tista' toħloq edima u nefħa fl-irkupptejn.

Klieb:
L-amministrazzjoni mill-ħalq ta' Difloxacin sa 5 darbiet id-doza rakkomandata għal 30 gurnata ma rrizultat fl-ebda effetti mhux mixtieqa.

Fi studju ieħor, klieb ittrattati mill-ħalq b'Difloxacin b'10 darbiet id-doza rakkomandata għal 10 ijiem okkazjonalment urew effetti mhux mixtieqa moderati bħal kulur oranġjo/isfar fil-ħmieġ, rimettar u ipersalivazzjoni.

Mhumiex magħrufa antidoti speċifiċi għal Difloxacin (jew quinolones oħra), għalhekk f'każ ta' doża eċċessiva, għandu jingħata trattament simptomatiku.

### 4.11 Perjodu ta' Tiżmin

Baqar:
Laħam u Interjur: 46 ġurnata

Klieb:
Mhux applikabbli

## 5 KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI

### 5.1 Tagħrif Farmakodinamiku

Grupp Farmako-terapewtiku: sustanza anti-infettiva ġenerali għal użu sistemiku, sustanza antibatterika għal użu sistemiku, antibatteriku tal-klassi *Quinolone*

Kodiċi ATĊ veterinarja: QJ01MA94

Il-fluoroquinolones għandhom effett antibatteriku kemm kontra mikro-organizmi li jirreplikaw kif ukoll dawk li m'humiex attivi. Difloxacin joqtol il-mikrobi primarjament billi jinibixxi l-attivita ta' *DNA gyrase* tal-bakterja.

Dawn l-organiżmi kienu suxxettibbli għal Difloxacin in vitro:

*Pasteurella spp.*
*Mycoplasma spp*
*Eschericia coli*
*Staphylococcus intermedius*

Dawn l-organiżmi nstabu li kellhom suxxettibilita intermedja:

*Staphylococcus spp.*

Medicinal product no longer authorised

Tista' tiżviluppa reżistenza kontra l-quinolones b'mutazzjoni tal-*gyrase gene* tal-mikrobi u permezz ta'tibdil fil-permebilita taċ-ċelloli għal quinolones.

**5.2 Tagħrif Farmakokinetiku**

Baqar:
Wara amministrazzjoni taħt il-ġilda, Difloxacin laħaq il-medja tal-ogħla livelli fil-plażma ta' 1.7 mikrogrammi /ml sitt siegħat wara. Wara titqiba taħt il-ġilda, il-biodisponibiltà hija ta' 88% u l-volum ta' distribuzzjoni hu ta' 2.5 l/kg.
Difloxacin hu l-akbar komponent fil-ħmieġ u t-tessut. Fl-urina, fwied, xaħam u kliewi, il-metaboliti desmetil Difloxacin u N – ossidu ta' Difloxacin jinstabu fi kwantitajiet żgħar flimkien mal-komponent ewlieni (Difloxacin).
It-tneħħija ta' Difloxacin wara amministrazzjoni taħt il-ġilda għal baqar kienet ta' 229 ml/h/kg. Il-*half-life* fil-plażma kien ta' 7.7 siegħat. Il-parti l-kbira ta' Difloxacin (68 – 82%) kien imneħħi fil-ħmieġ. Parti minn Difloxacin (7 – 18%) kien imneħħi mill-urina.

Klieb :
Wara amministrazzjoni taħt il-ġilda, Difloxacin laħaq l-ogħla livelli fil-plażma ta' 1.4 – 1.9 mikrogrammi /ml fi 3.1 siegħat wara l-amministrazzjoni. Wara titqiba taħt il-ġilda, il- biodisponibiltà hija ta' 96% u l-volum ta' distribuzzjoni hu ta' 2.6 l/kg. Kien osservat *half-life* ta' 5.8 siegħat. Il-parti l-kbira ta' Difloxacin kien imneħħi fil-ħmieġ. Parti oħra kienet imneħħija mill-urina.

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

**6.1 Inkompatibilitajiet Maġġuri**

Ethanol
Benzyl alcohol
Propylene glycol
Arginine
Ilma għall-injezzjonijiet

**6.2 Inkompatibilitajiet**

Fin-nuqqas ta' studji dwar kompattibilita, dan il-prodott mediċinali veterinarju ma jistax jintuża flimkien ma prodotti mediċinali veterinarji oħra.

**6.3 Żmien ta' kemm il-prodott idum tajjeb**

Żmien li l-prodott mediċinali veterinarju jibqa' tajjeb kif ippakkjat għall-bejgħ: Sentejn

Perjodu ta' ħażna wara li jinfetah il-kontenitur: 28 ġurnata

**6.4. Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen**

Taħżinx f'temperaturi ogħla minn 25 °Ċ
Tiffriżax
Żomm il-kontenitur fil-pakkett ta' barra

**6.5 In-natura u l-għamla ta' l-ewwel ippakkjar**

Klieb:
Kaxxa tal-kartun bi fjala tal-ħġieġ ta' 50 ml b'tapp tal-lastku u għatu ta' l-aluminjum

Medicinal product no longer authorised

Baqar:
Kaxxa tal-kartun bi fjala tal-ħġieġ ta' 50 ml, 100 ml jew 250 ml b'tapp tal-lastku u għatu ta' l-aluminjum

Mhux id-daqs sijiet kollha tal-pakketti jistgħu jitpoġġew fis-suq

### 6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użata jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

## 7. L-ENTITÀ LI GĦANDHA L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

Pfizer Limited
Ramsgate Road
Sandwich
Kent CT13 9NJ
United Kingdom

## 8. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

EU/2/97/003/016-018

## 9. DATA TA' L-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

15.01.2008

## 10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA DIN IL-KITBA

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediku veterinarju tinstab fuq il-websajt ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini http://www.ema.europa.eu/

**PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVVISTA U / JEW UŻU**

Mhux Applikabbli.

Medicinal product no longer authorised

**ANNESS II**

A. SID TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI MILL-HRUĠ TAL-LOTT

B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ FUQ IL-PROVISTA JEW L-UŻU

Ċ. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ DWAR L-UŻU SIGUR U EFFETTIV

D. DIKJARAZZJONI TA' L-MRLs

Medicinal product no longer authorised

## A. SID L-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI MILL-HRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manufattur(i) tas-sustanza(i) bioloġika(ċi) attiva(i)

*Għat-tliet għamliet farmaċewtiċi:*

Pfizer Olot, S.L.U.
Ctra. Camprodón, s/n°, Finca La Riba,
Vall de Bianya, 17813 Girona
Spanja

## B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ DWAR IL-PROVISTA U L-UŻU

Sabiex jiġu mogħtija biss bi preskrizzjoni veterinarja.

Id-detentur ta' din l-awtorizzazzjoni tal-kummerċ għandu jinforma lil Kummissjoni Ewropea dwar il-pjanijiet tal-kummerċ għal prodott mediċinali b'din id-deċiżjoni.

## Ċ. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ DWAR L-UŻU SIGUR U EFFETTIV

Mhux appklikabbli.

## D. DIKJARAZZJONI TA' L-MRLs

li huma aċċettati b'mod konformi mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u b'mod konformi ma' l-Artikolu 31 (3b) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2309/93 tat-22 ta' Lulju 1993, kif emendati.

Medicinal product no longer authorised

Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90

| Sustanza farmakoloġikament attiva | Residwu li jimmarka | Speċje ta' l-annimal | LRM | Tessuti mmirati | Dispożizzjonijiet oħrajn |
|---|---|---|---|---|---|
| Difloxacin | Difloxacin | Tjur[1] | 300 µg/kg<br>400 µg/kg<br>1900 µg/kg<br>600 µg/kg | Muskolu<br>Ġilda + xaħam<br>Fwied<br>Kliewi | M'għandux jintuża f'annimali li minnhom jittieħdu l-bajd għal konsum mill-bniedem |
| Difloxacin | Difloxacin | Ifrat[2] | 400 µg/kg<br>100 µg/kg<br>1400 µg/kg<br>800 µg/kg | Muskolu<br>Xaħam<br>Fwied<br>Kliewi | M'għandux jintuża f'annimali li minnhom jittieħed il-ħalib għal produzzjoni għal konsum mill-bniedem |

Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90

***Soluzzjoni orali:***

| Sustanzi farmakoloġikament attivai | Speċje ta' l-annimal | Dispożizzjonijiet oħrajn |
|---|---|---|
| Edetic acid[3] | L-ispeċji kollha li jipproduċu l-ikel | |
| Potassium Hydroxide[4] | | |
| Propylene glycol[5] | | |
| Benzyl alcohol[6] | | Biex jintuża bħala sustanza mhux attiva |
| Hydrochloric acid[7] | | Biex jintuża bħala sustanza mhix attiva |

***Soluzzjoni għall-injezzjoni:***

| Sustanza(i) farmakoloġikament attiva(i) | Speċje ta' l-annimal | Dispożizzjonijiet oħrajn |
|---|---|---|
| Ethanol [8]<br><br>Propylene glycol [9]<br>Benzyl alcohol [10]<br>Arginine [11] | L-ispeċji kollha li jipproduċu l-ikel | Biex jintuża bħala sustanza mhux attiva |

1 OJ Nru. L 172 ta' 02.07.02
2 OJ Nru. L 172 ta' 02.07.02
3 OJ Nru. L 290 ta' 5.12.95
4 OJ Nru. L 272 ta' 25.10.96
5 OJ Nru. L 45 ta' 15.02.97
6 OJ Nru. L 143 ta' 27.06.95
7 OJ Nru. L 143 ta' 27.06.95
8 OJ Nru. L 143 ta' 26.06.95
9 OJ Nru. L 45 ta' 15.02.97
10 OJ Nru L 143 ta' 26.06.95
11 OJ Nru. L 240 ta' 10.09.99

Medicinal product no longer authorised

**ANNESS III**

**TIKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF FIL-PAKKETT**

Medicinal product no longer authorised

# A. TIKKETTA

Medicinal product no longer authorised

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**
**DETTALJI LI GĦANDHOM JIDHRU FUQ L-IPPAKKJAR EWLIENI**
**Dicural soluzzjoni orali**
**TIKKETTA TAL-KARTUNA – FLIXKUN 1 x 250 ML / FLIXKUN 1 X 1000 ML / 6 FLIEXKEN X 1000 ML**
**TIKKETTA TAL-FJALA Flixkun ta' 250 ml / flixkun ta' 1000 ml**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Dicural 100mg/ml soluzzjoni orali għal flieles u d-dundjani

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

| | |
|---|---|
| Difloxacin (bħala hydrochloride) | 100mg |
| Benzyl alcohol | 100 mg/ml |

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Soluzzjoni orali

## 4. DAQS TAL-PAKKETT

1 x 250 ml
1 x 1000 ml
6 x 1000 ml

## 5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Flieles (tas-simna jew miżmuma għar-razza) u dundjani (dundjani żgħar li jiżnu sa 2 kg piż korporali).

## 6. INDIKAZZJONI(JIET)

Fi flieles u dundjani, għal trattament ta' infezzjonijiet kroniċi respiratorji kkawżati minn strejns sensittivi ta' *Eschericia coli* u *Mycoplasma gallisepticum*.

Fid-dundjani biss - għal trattament ta' nfezzjonijiet ikkawżati minn *Pasteurella multocida*.

## 7. METODU U MOD TA' AMMINISTRAZZJONI

Għall-amministrazzjoni mill-ħalq fl-ilma tax-xorb.
Qabel l-użu aqra l-fuljett li jinsab fil-pakkett.

Medicinal product no longer authorised

## 8. ŻMIEN TA’ TIŻMIM

Żmien ta’ Tiżmim- Laħam u nterjur (sriedaq u dundjani) : 24 siegħa

Mhux permess biex jintuża fi tjur li qed ibidu u jipproduċu l-bajd għal konsum uman.

## 9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Nies li għandhom sensittività eċċessiva għal quinolones għandhom jevitaw li jmissu mal-prodott. Sabiex tevita irritazzjoni lil ġilda u/jew lil għajnejk, uża ingwanti u maskra sabiex tipproteġi wiċċek meta tuża dan il-prodott.

## 10. DATA TA’ SKADENZA

Jiskadi {xahar/sena}
Ilma medikat għandu jkun ippreparat frisk kuljum.
Jekk tiftaħ uża fi żmien xahar.

## 11. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Taħżinx f'temperatura ’l fuq minn 25°Ċ. Ipproteġi mid-dawl. Tiffriżax.

## 12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA’ PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR, JEKK IKUN IL-KAŻ

*[Mhux meħtieġa fuq it-tikketta li tmiss mal-prodott]*

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

## 13. IL-KLIEM "GĦAL TRATTAMENT TA’ L-ANNIMALI BISS” U KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA U L-UŻU, jekk applikabbli

Għal trattament ta’ l-annimali biss- għandu jingħata biss bi preskrizzjoni medika.

## 14. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL”

*[Mhux meħtieġa fuq it-tikketta li tmiss mal-prodott]*

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

Medicinal product no longer authorised

## 15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

**Sid l-Awtorizzazzjoni għal Kummerċ**:
Pfizer Limited
Ramsgate Road
Sandwich
Kent CT13 9NJ
United Kingdom

## 16. NUMRU TA' L-AWTORIZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

EU/2/97/003/001 – 1 x 250 ml
EU/2/97/003/002 – 1 x 1000 ml
EU/2/97/003/003 – 6 x 1000 ml

## 17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

Lott {numru}

Medicinal product no longer authorised

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**
**Dicural 15 mg pilloli miksija:**
**KARTUNA TA' 10 PILLOLI/ 20 PILLOLA / 100 PILLOLA**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Dicural 15 mg pilloli miksija għal klieb

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Difloxacin (bħala hydrochloride) 15 mg

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Pilloli miksija

## 4. DAQS TAL-PAKKETT

10 pilloli
20 pillola
100 pillola

## 5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Klieb

## 6. INDIKAZZJONI(JIET)

## 7. METODU U MOD TA' AMMINISTRAZZJONI

Jingħata mill-ħalq.
Qabel l-użu aqra l-fuljett li jinsab fil-pakkett.

## 8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

[Mhux applikabbli.]

## 9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Nies li għandhom sensittività eċċessiva għal quinolones għandhom jevitaw li jmissu mal-prodott.

Medicinal product no longer authorised

**10. DATA TA' SKADENZA**

Jiskadi {xahar/sena}

**11. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN**

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 25°Ċ. Aħżen f'post xott.

**12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ**

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

**13. IL-KLIEM "GĦAL TRATTAMENT TA' L-ANNIMALI BISS" U KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA U L-UŻU, jekk applikabbli**

Għal trattament ta' l-annimali biss- għandu jingħata biss bi preskrizzjoni medika.

**14. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL"**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

**15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

Pfizer Limited
Ramsgate Road
Sandwich
Kent CT13 9NJ
United Kingdom

**16. NUMRU TA' L-AWTORIZAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

EU/2/97/003/004 – 10 pilloli
EU/2/97/003/005 – 20 pillola
EU/2/97/003/006 – 100 pillola

**17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR**

Lott {numru}

Medicinal product no longer authorised

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**
**Dicural 50 mg Pilloli miksija**
**KARTUNA TA' 10 PILLOLI / 20 PILLOLA / 100 PILLOLA**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Dicural 50 mg pilloli miksija għal klieb

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Difloxacin (bħala hydrochloride) 50 mg

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Pilloli miksija

## 4. DAQS TAL-PAKKETT

10 pilloli
20 pillola
100 pillola

## 5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Klieb

## 6. INDIKAZZJONI(JIET)

## 7. METODU U MOD TA' AMMINISTRAZZJONI

Jittieħed mill-ħalq.
Qabel l-użu aqra l-fuljett li jinsab fil-pakkett

## 8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Mhux applikabbli.

## 9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Nies li għandhom sensittività eċċessiva għal quinolones għandhom jevitaw li jmissu mal-prodott.

Medicinal product no longer authorised

**10. DATA TA' SKADENZA**

Jiskadi {xahar/sena}

**11. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN**

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 25°Ċ. Aħżen f'post xott.

**12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR, JEKK IKUN IL-KAŻ**

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

**13. IL-KLIEM "GĦAL TRATTAMENT TA' L-ANNIMALI BISS" U KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA U L-UŻU, jekk applikabbli**

Għal trattament ta' l-annimali biss- għandu jingħata biss bi preskrizzjoni medika.

**14. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL"**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

**15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

Pfizer Limited
Ramsgate Road
Sandwich
Kent CT13 9NJ
United Kingdom

**16. NUMRI TA' L-AWTORIZAZZJONI GĦALL-KUMMERĊ**

EU/2/97/003/007 – 10 pilloli
EU/2/97/003/008 – 20 pillola
EU/2/97/003/009 – 100 pillola

**17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR**

Lott {numru}

Medicinal product no longer authorised

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**
**Dicural 100 mg Pilloli miksija**
**KARTUNA TA' 10 PILLOLI / 20 PILLOLA / 100 PILLOLA**

Medicinal product no longer authorised

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Dicural 100 mg pilloli miksija għal klieb

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Difloxacin (bħala hydrochloride)   100 mg

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Pilloli miksija

## 4. DAQS TAL-PAKKETT

10 pilloli
20 pillola
100 pillola

## 5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Klieb

## 6. INDIKAZZJONI(JIET)

## 7. METODU U MOD TA' AMMINISTRAZZJONI

Jittieħed mill-ħalq.
Qabel l-użu aqra l-fuljett li jinsab fil-pakkett

## 8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Mhux applikabbli.

## 9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Nies li għandhom sensittività eċċessiva għal quinolones għandhom jevitaw li jmissu mal-prodott.

**10. DATA TA' SKADENZA**

Jiskadi {xahar/sena}

**11. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN**

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 25°Ċ. Aħżen f'post xott.

**12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' MEDIĊINA MHUX UŻATA JEW MATERJAL IEĦOR, JEKK IKUN IL-KAŻ**

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skond kif titlob il-liġi tal-pajjiż.

**13. IL-KLIEM "GĦAL TRATTAMENT TA' L-ANNIMALI BISS" U KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA U L-UŻU, jekk applikabbli**

Għal trattament ta' l-annimali biss- għandu jingħata biss bi preskrizzjoni medika

**14. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL"**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

**15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

Pfizer Limited
Ramsgate Road
Sandwich
Kent CT13 9NJ
United Kingdom

**16. NUMRU TA' L-AWTORIZAZZJONI GĦALL-KUMMERĊ**

EU/2/97/003/010 – 10 pilloli
EU/2/97/003/011 – 20 pillola
EU/2/97/003/012 – 100 pillola

**17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR**

Lott {numru}

Medicinal product no longer authorised

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**
**Dicural 150 mg Pilloli miksija**
